Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 8.4.2009
KUMM(2009) 126 finali

2009/0054 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali**

**(Tfassil mill-ġdid)**
**L-implimentazzjoni tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar**

{SEG(2009) 315}
{SEG(2009) 316}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Ħafna ħlasijiet fi tranżazzjonijiet kummerċjali bejn l-intrapriżi jew bejn l-intrapriżi u l-awtoritajiet pubbliċi jsiru ħafna wara l-kunsinna u ta' spiss wara d-data miftiehma jew stipulata fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-kummerċ. Din il-prassi tħalli effett fuq l-assi likwidi u tikkomplika l-ġestjoni finanzjarja tal-intrapriżi. Ħlasijiet magħmula tard jaffettwaw il-kompetittività u l-vijabilità tal-kumpaniji, l-aktar l-SMEs. Id-dewmien fil-ħlas għandu ukoll effett negattiv fuq it-tranżazzjonijiet kummerċjali intra-komunitarji. Id-dewmien fil-ħlas jista' jkun responsabbli għall-falliment ta' intrapriżi li kieku kien għalihom baqgħu vijabbli u għandu l-potenzjal, fl-aġħar sitwazzjoni immaġinabbli, li jikkawża serje ta' fallimenti tul il-katina ta' provvista kollha. Dan ir-riskju jiżdied f'perjodi ta' kriżi ekonomika meta l-aċċess għall-finanzi huwa partikolarment diffiċli. Hemm x'juri li dan beda jiġri hekk kif il-kriżi ekonomika attwali bdiet tiżviluppa, u dan jitlob reazzjoni politka qawwija.

L-att dwar l-intrapriżi ż-żgħar [COM(2008) 394] enfasizza l-importanza ewlenija tal-SMEs għall-kompetittività tal-ekonomija tal-UE u għamilha ċara li l-aċċess effettiv għall-finanzi kienet waħda mill-akbar sfidi li kellhom quddiemhom l-SMEs, flimkien mal-ħtieġa li jagħmlu użu aħjar mill-opportunitajiet pprovduti mis-suq ewlieni. Il-pjan Ewropew ta' rkupru ekonomiku [COM(2008) 800] għamilha ċara li aċċess suffiċjenti u fi ħdan il-mezzi ta' kulħadd għall-iffinanzjar kien pre-kundizzjoni għall-investiment, tkabbir u ħolqien ta' impjieg fil-kuntest tat-tmewwit ekonomiku u talab lill-UE u l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi jħallsu l-fatturi għall-merkanzija u s-servizzi fi żmien xahar.

Il-ħlas tard mill-amministrazzjonijiet pubbliċi jimmina l-kredibilità tal-istrateġiji politiċi u jikkontradixxi l-miri mistqarra ta' politika li jiġu stipulati kundizzjonijiet ta' tħaddim stabbli u prevedibbli għall-intrapriżi u jitrawwmu t-tkabbir u l-impjieg. Minħabba l-importanza tal-kuntratti pubbliċi fl-UE (aktar minn EUR 1,943 biljun fis-sena), il-ħlas tard mill-awtoritajiet pubbliċi għandu impatt negattiv qawwi fuq l-intrapriżi, l-aktar fuq l-SMEs. Ħafna awtoritajiet pubbliċi ma jiffaċċjawx l-istess xkiel finanzjarju bħall-intrapriżi u l-ħlas tard fil-każ tagħhom jista' jiġi evitat. Għaldaqstant, dan għandu jiġi sanzjonat bil-qawwa meta jseħħ. Barra minn hekk, l-użanzi ta' ħlas diverġenti mal-UE kollha jistgħu jxekklu l-parteċipazzjoni tal-intrapriżi fl-offerti pubbliċi, u dan mhux biss iġib tagħwiġ tal-kompetizzjoni u jimmina t-tħaddim tas-suq intern, iżda jnaqqas il-kapaċità tal-awtoritajiet pubbliċi li jġibu l-aqwa valur għall-flus ta' min iħallas it-taxxi.

Skont dan, din il-proposta għandha l-għan li ttejjeb il-likwidità tal-intrapriżi Ewropej li hija partikolarment importanti fi żminijiet ta' kriżi ekonomika. Hija għandha wkoll l-għan li tiffaċilita t-tħaddim bla intoppi tas-suq intern permezz tat-tneħħija ta' xkiel marbut ma' tranżazzjonijiet kummerċjali trans-konfinali.

Se tikseb dan billi tipprovdi lill-kredituri b'għodda li tippermettilhom jeżerċitaw bis-sħiħ u b'mod effettiv id-drittijiet tagħhom meta jitħallsu tard u billi tikkonfronta l-ammistrazzjonijiet pubbliċi b'miżuri li jiskoraġġixxu b'mod effettiv il-ħlas tard.

- **Kuntest ġenerali**

Fl-UE, il-biċċa l-kbira tal-prodotti u s-servizzi huma fornuti minn intrapriżi lil intrapriżi oħra u lill-awtoritajiet pubbliċi fuq bażi ta' ħlas differit li permezz ta' hekk il-fornitur jagħti lill-klijent iż-żmien biex iħallas. Dan il-perjodu ta' żmien jiġi miftiehem bejn il-partijiet, jew stabbilit fil-fattura tal-fornitur jew stabbilit bil-liġi. Mhux aktar tard minn tmiem dan il-perjodu, il-fornitur jippretendi l-ħlas għall-prodotti kkunsinjati jew għas-servizzi magħmula. Il-ħlas magħmul wara dan il-perjodu jikkostitwixxi ħlas tard.

Id-Direttiva 2000/35/KE ġiet adottata biex tikkumbatti l-ħlas tard fi tranżazzjonijiet kummerċjali bejn l-intrapriżi jew bejn l-intrapriżi u l-awtoritajiet pubbliċi. Hija tispeċifika, fost l-oħrajn, li jista' jiġi mitlub l-imgħax statutorju meta l-ħlas ma jsirx fi żmien l-iskadenza kuntrattwali jew legali.

Hemm evidenza qawwija li, minkejja d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2000/35/KE l-ħlas tard fi tranżazzjonijiet kummerċjali għadu problema ġenerali fi ħdan l-UE. Barra minn hekk, hemm evidenza wkoll f'għadd ta' Stati Membri ta' perjodi ta' ħlas kuntrattwali twal b'mod mhux ġustifikat fi tranżazzjonijiet li jinvolvu l-amministrazzjonijiet pubbliċi. Iż-żewġ problemi huma ta' xkiel serju għal ambjent ta' negozju san u għat-tħaddim tas-suq waħdieni li jinħass ħafna iktar fi żminijiet ta' kriżi ekonomika. L-għeruq tal-problema tal-ħlas tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali u l-imġiba passiva ta' ħafna krediturі huma diversi u marbuta ma' xulxin:

1. L-istruttura tas-suq: il-livell ta' kompetizzjoni fi ħdan is-suq, il-qawwa tas-suq ta' min għandu sehem fis-suq u l-biża' li jitħassru r-relazzjonijiet kummerċjali ma' klijenti huma fatturi importanti li jiddeterminaw jekk il-krediturі jaċċettawx jew jirrifjutawx il-ħlas tard u jekk id-debituri jitolbux estensjoni tal-perjodu ta' kreditu kummerċjali.

2. Kundizzjonijiet makroekonomiċi li qed jinbidlu: kriżi ta' ċiklu ta' negozju x'aktarx li tikkawża aktar ħlasijiet tard billi d-ditti jittardjaw biex iħallsu l-fatturi tagħhom. Il-konsegwenzi ta' ħlas tard huma wkoll aktar serji fi żminijiet ta' kriżi ekonomika billi huwa aktar diffiċli li jinkiseb iffinanzjar alternattiv.

3. L-aċċess għall-finanzi u obbligi baġitarji: id-disponibilità ta' kreditu, il-politika monetarja, il-fluss u n-natura tal-informazzjoni dwar il-kreditu, il-qagħda tal-likwidità tad-ditta u d-disponibilità ta' riżorsi finanzjarji minn banek jistgħu wkoll ikollhom effett fuq kemm ikun tard il-ħlas, b'mod partikolari għall-intrapriżi li l-kreditu tal-bank huwa sostitut għall-iffinanzjar tal-fornitur. Ħafna intrapriżi debituri jqisu l-ħlas tard bħala mod effiċjenti u rħis biex jiffinanzjaw in-negozju u l-attivitajiet tagħhom stess. Għall-awtoritajiet pubbliċi, il-ħlasijiet tard lill-krediturі huma mod ħafif, iżda mhux ġustifikat, kif jegħlbu obbligi baġitarji billi jipposponu l-ħlasijiet għall-perjodu baġitarju ta' wara.

4. Il-prassi ta’ ġestjoni finanzjarja tad-debituri (inklużi l-awtoritajiet pubbliċi) u l-prassi ta' ġestjoni ta' kreditu tal-krediturі kif ukoll il-kwalità tas-servizz u tal-prodott tagħhom u l-għajnuna wara l-bejgħ huma fatturi importanti biex jiġi evitat il-ħlas tard.

5. In-nuqqas ta' rimedji effettivi u effiċjenti: minkejja d-Direttiva 2000/35/KE, ħafna intrapriżi, b'mod partikolari SMEs, ma jżommux l-imgħax meta huma intitolati għalih,

u dan inaqqas min-naħa tad-debituri l-motivazzjoni li jħallsu fil-ħin. Għal xi krediturі, l-ispejjeż biex jieħdu azzjoni kontra ħlas tard mhumiex ġustifikati mill-benefiċċji finanzjarji. F'ħafna każijiet, l-ispejjeż tax-xogħol amministrattiv żejjed ma jistgħux jiġu mifdija. Il-ġiri wara l-klijenti li jħallsu tard jew li jinżamm l-imgħax għall-ħlasijiet tard iġib aktar spejjeż ta' amministrazzjoni li ħafna intrapriżi ma għandhomx xi jriduhom. Barra minn hekk, ħafna dispożizzjonijiet ewlenin tad-direttiva mhumiex ċari jew huma diffiċli biex timplimentahom fil-prattika.

Għalkemm id-Direttiva 2000/35/KE għandha xi nuqqasijiet, il-kunċetti fundamentali ta' mgħax fuq ħlas tard, iż-żamma tad-dritt ta' proprjetà (ir-ritenzjoni tat-titolu) u l-proċeduri ta' rkupru għal dejn mhux ikkontestat jikkostitwixxu l-kolonni ewlenin u magħrufa minn kulħadd tal-qafas legali kontra l-ħlas tard. Madankollu, minkejja li dan l-aħħar kien hemm xi titjib, il-ħlas tard jibqa' problema ġeneralizzata fl-UE, bl-istess amministrazzjoni pubblika f'għadd ta' Stati Membri juru mġieba ta' ħlas partikolarment ħażina. Dan ikompli jħalli effett ħażin fuq it-tħaddim tas-suq intern u fih riskju ta' theddida serja għan-negozju fi żminijiet ta' kriżijiet ekonomiċi. Għalhekk, filwaqt li jinżammu l-elementi ewlenin tad-Direttiva, jeħtieġ li jkun hemm aktar għodda biex jonqos l-għadd ta' ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, jonqsu l-perjodi ta' ħlas għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u jissaħħu b'mod sostanzjali l-inċentivi għall-amministrazzjonijiet pubbliċi biex iħallsu fil-ħin billi titfassal mill-ġdid id-Direttiva, biex f'test wieħed jingabru kemm l-emendi sostanzjali magħmula lid-Direttiva kif ukoll id-dispożizzjonijiet mhux mibdula. Din il-proposta tieħu post u tirrevoka d-Direttiva 2000/35/KE. Meta tkun adottata mil-leġiżlatur, din se tkun naturalment ikkunsidrata mill-Kummissjoni fl-okkażjoni tar-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju li jmiss (2010) u r-Regoli Implimentattivi tiegħu.

Sadattant, billi r-reviżjoni tar-regoli finanzjarji mil-leġislatur hija proċess twil, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni[1] li tagħti struzzjonijiet lis-servizzi tagħha biex jimplimentaw sett ta' miżuri bla dewmien li għandhom l-għan li jarmonizzaw ir-regoli finanzjarji u jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-baġit biex ikun megħjun l-irkupru ekonomiku, b'mod partikolari permezz tat-titjib tal-prestazzjoni tagħha stess fil-ħlasijiet u t-twaqqif ta' miri għal limiti ta' żmien aqsar għall-ħlasijiet tal-pagamenti.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

L-unika dispożizzjoni eżistenti hija d-Direttiva 2000/35/KE li titfassal mill-ġdid minn din il-proposta.

- **Konsistenza mal-bqija tal-politika u l-miri tal-Unjoni Ewropea**

Din il-proposta hija parti mill-aġenda ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi u timplimenta l-att dwar in-negozji ż-żgħar [COM(2008) 394] u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku [COM(2008) 800].

## 2. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

[1] SEC(2009) 477 finali tat-8 ta' April 2009.

*Il-metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin indirizzati u l-profil ġenerali ta' dawk li jwieġbu*

Il-partijiet interessati ġew ikkonsultati f'konsultazzjoni pubblika ġenerali permezz tal-I.P.M. (Il-Vuċi Tiegħek fl-Ewropa). L-EBTP (Il-Panel bi Prova dwar in-Negozju Ewropew) ġie kkonsultat ukoll.

*Sinteżi tar-reazzjonijiet u ta' kif dawn ġew ikkunsidrati*

Maġġoranza wiesgħa ta' dawk li wieġbu jemmnu li r-rata statutorja attwali stabbilita fid-Direttiva hija sodisfaċenti. Il-biċċa l-kbira ta' dawk li wieġbu, iżda, ħeġġew lill-Kummissjoni biex twaqqaf rimedji effettivi u effiċjenti f'każ ta' ħlas tard u biex issaħħaħ ir-rwol tal-għaqdiet rappreżentattivi. It-tweġibiet servew ta' element importanti ħafna għall-istima tal-impatt.

Saret konsultazzjoni miftuħa fuq l-internet mid-19/05/2008 sal-31/08/2008. Il-Kummissjoni rċeviet 510 tweġibiet. Ir-riżultati jinsabu fuq http://ec.europa.eu/enterprise/regulation/late_payments/index.htm..

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Ma kienx hemm ħtieġa ta' kompetenza esterna.

- **Stima tal-impatt**

L-istima tal-impatt u t-taqsira eżekuttiva jagħtu ħarsa ġenerali tal-għażliet differenti.

L-għażliet 3a/2 (leġiżlattiv - armonizzazzjoni ta' perjodi għall-ħlas mill-awtoritajiet pubbliċi lill-intrapriżi), 3c (leġiżlattiv - it-tneħħija tal-limitu ta' EUR 5), 3d (leġiżlattiv - id-dħul ta' "Multa għal Ħlas Tard") u 3e (leġiżlattiv - id-dħul ta' "Kumpens għal Ħlas Tard") biss jilħqu l-kriterji ta' effikaċja, effiċjenza u konsistenza. Għalhekk, dawn l-erba' (4) għażliet jikkostitwixxu s-sisien ta' din il-proposta.

Il-Kummissjoni wettqet stima tal-impatt elenkata fil-programm ta' ħidma, li r-rapport tagħha jinsab f'http://ec.europa.eu/enterprise/regulation/late_payments/index.htm.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Taqsira tal-azzjoni proposta**

Dan it-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva 2000/35/KE għandu l-għan li jtejjeb l-effikaċja u l-effiċjenza tar-rimedji għall-ħlas tard permezz tal-introduzzjoni ta' dritt ta' rkupru tal-ispejjeż amministrattivi u kumpens għall-ispejjeż interni mġarrba minħabba ħlas tard. Fil-każ tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, il-proposta għandha l-għan li tnaqqas il-perjodi ta' ħlas permezz tal-armonizzazzjoni tal-perjodi għall-ħlas mill-awtoritajiet pubbliċi lill-intrapriżi u li ssaħħaħ id-diżinċentivi għall-ħlas tard permezz ta' kumpens b'rata fissa mill-ewwel jum ta' dewmien li tammonta għal 5 % tal-ammont tal-fattura barra l-interessi għad-dewmien fil-ħlas u kumpens għall-ispejjeż ta' rkupru. Fl-aħħar nett, il-proposta tabolixxi wkoll il-possibbiltà li jiġu esklużi talbiet għal imgħax ta' anqas minn EUR 5.

- **Bażi legali**

L-artikolu 95 tat-trattat KE

- **Prinċipju ta' sussidjarjetà**

Il-prinċipju ta' sussidjarjetà japplika billi l-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Komunità.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri waħedhom għar-raġuni(jiet) li ġejja(ġejjin).

Fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni Komunitarja qabel l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/35/KE, id-dewmien fil-ħlasijiet fit-tranżazzjonijiet kummerċjali kien ta' xkiel kbir fil-kummerċ intra-Komunitarju.

Dan għaliex in-nuqqas jew l-ineffiċjenza tar-regoli nazzjonali li jiġġieldu d-dewmien fil-ħlasijiet jagħtu protezzjoni mhux ġusta lill-operaturi ekonomiċi nazzjonali meta mqabbel ma' prodotti u servizzi minn Stati Mermbri oħra. In-nuqqas ta' Stat Membru milli jipprevjeni ostakoli għall-moviment liberu ta' prodotti u servizzi li joriġinaw fi Stat Membru ieħor ikkawżati minn dewmien fil-ħlasijiet minn awtoritajiet nazzjonali u intrapriżi huwa ta' dannu għall-kummerċ intra-Komunitarju daqs att li jirrestrinġi l-kummerċ. Barra minn dan, id-differenza fl-attitudni tal-awtoritajiet pubbliċi madwar l-UE tista' xxekkel il-parteċipazzjoni tal-kummerċ fis-sejħiet pubbliċi għall-offerti, li mhux biss xxekkel il-kompetizzjoni u timmina l-funzjoni tas-suq intern, iżda wkoll tnaqqas il-kapaċità tal-awtoritajiet pubbliċi li jieħdu l-aħjar valur għall-flus miġbura mit-taxxi.

Azzjoni Komunitarja tikseb aħjar l-għanijiet tal-proposta għar-raġuni(jiet) li ġejja(ġejjin).

L-għan li tkun żgurata l-funzjoni tas-suq intern permezz tat-tnaqqis tal-ostakoli għall-kummerċ fl-UE kkawżat minn dewmien fil-ħlasijiet ma jistax jinkiseb biżżejjed mill-Istati Membri waħedhom jew bid-Direttiva 2000/35/KE. Inħass għalhekk li kien xieraq li skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, fid-dawl tad-daqs u l-effetti tal-problema, dan seta' jinkiseb b'azzjoni ulterjuri fuq livell Komunitarju.

L-istħarriġ u l-konsultazzjoni mal-partijiet interessati kkonfermaw li t-tnaqqis fid-dewmien tal-ħlasijiet fit-tranżazzjonijiet kummerċjali jirrikjedi azzjoni tal-UE permezz ta' tfassil mill-ġdid tad-Direttiva 2000/35/KE. Iċ-ċifri disponibbli jindikaw li ħafna negozji għandhom perċezzjoni li l-bejgħ ta' prodotti u servizzi lil negozji u awtoritajiet fi Stati Membri oħrajn għandu riskju akbar ta' dewmien fil-ħlas. Fost raġunijiet oħra, ir-riskju ta' dewmien fil-ħlas ma jinkoraġġixxix lill-intrapriżi jbiegħu prodotti u servizzi fi Stati Membri oħra billi dan ikabbar l-inċertezza u l-ispiża tal-kummerċ. F'dan il-każ, l-ispejjeż tat-tranżazzjoni huma akbar minħabba nuqqas ta' informazzjoni għal waħda mill-partijiet tat-tranżazzjoni u l-insigurtà dwar il-pożizzjoni tas-suq u l-likwidità tal-klijent stabbilit lil hinn mis-suq domestiku. Għal ħafna debituri r-riskju relatat mar-reputazzjoni relatata mad-dewmien fil-ħlas huwa ħafna anqas meta l-kreditur huwa stabbilit fi Stat Membru ieħor billi l-ħsara għar-reputazzjoni tonqos mad-distanza. Barra minn dan, il-kummerċ trans-konfinali jkabbar l-ispejjeż tal-kreditu kummerċjali billi l-lingwa, il-ġurisdizzjoni u l-aċċess għal-likwidità aktarx ikunu

differenti u, għalhekk, l-ispejjeż ta' monitoraġġ jikbru filwaqt li l-probabbiltajiet li wieħed jinforza ħlas huma anqas. Bħala riżultat ta' dan, l-assigurazzjoni tal-kreditu tal-kummerċ u strumenti oħrajn relatati mal-amministrazzjoni tar-riskji tal-kummerċ huma spiss użati fil-kummerċ trans-konfinali. Dawn l-istrument inaqqsu l-inċertezza tad-dħul iżda jassorbu parti importanti mill-marġini ta' profitt, b'mod partikolari għall-intrapriżi ż-żgħar.

Matul il-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt, ħafna għażliet mhux leġiżlattivi kienu mwarrba għal raġunijiet relatati mas-sussidjarjetà kif stipulati fid-dettall fil-valutazzjoni tal-impatt.

Il-proposta hija għalhekk konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

- **Prinċipju ta’ proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni(jiet) li ġejja/ġejjin.

Id-Direttiva tibqa' għodda fakoltattiva għall-operaturi ekonomiċi sal-punt li ma ġġegħelhomx jitolbu l-imgħax għal ħlas tard jew kumpens għal spejjeż ta' rkupru. Barra minn hekk, il-proposta ma żżommx l-intrapriżi milli jidħlu fi ftehim dwar dispożizzjonijiet kuntrattwali oħra li jikkonċernaw il-ħlas, inkluż, fil-każ ta' tranżazzjonijiet bejn l-intrapriżi u f'każijiet eċċezzjonali anki bejn awtoritajiet pubbliċi u intrapriżi, il-perjodu tal-ħlas, skont il-prinċipju fundamentali ta' libertà ta' kuntratt bejn l-operaturi ekonomiċi. Il-proposta tinkludi wkoll biżżejjed flessibbiltà li tippermetti lill-Istati Membri jittrasponu d-Direttiva fid-dawl tal-kundizzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali fit-territorju tagħhom. Barra minn hekk, il-proposta ma taffettwax l-possibbiltà attwali li l-Istati Membri jżommu jew iġibu fis-seħħ dispożizzjonijiet li jkunu aktar favorevoli għall-kreditur mid-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-konformità ma’ din id-Direttiva.

Din il-proposta ma twassalx għal xi piż amministrattiv ġdid għall-operaturi ekonomiċi. Il-piż finanzjarju li ġej mid-dritt il-ġdid ta' talba ta' rimborż ta' spejjeż ta' rkupru jkun proporzjonali għall-imġieba ta' ħlas tal-intrapriżi. L-impatt baġitarju għall-awtoritajiet nazzjonali se jkun proporzjonali mal-kapaċità tagħhom li jiżguraw konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

- **Għażla ta' strumenti**

Strumenti proposti: Direttiva.

Mezzi oħra ma jkunux xierqa għar-raġuni(jiet) li ġejja/in.

Meta jitqies li din il-proposta hija tfassil mill-ġdid ta' Direttiva li diġà teżisti li tipprovdi għal marġini wiesgħa ta' manuvrar għall-Istati Membri, l-għażliet alternattivi ma setgħux ikunu biżżejjed biex jinkisbu l-għanijiet tal-proposta.

## 4. IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĠIT

L-implikazzjonijiet baġitarji huma limitati għal nefqa ta' amministrazzjoni.

## 5. TAGĦRIF ADDIZZJONALI

- **Simplifikazzjoni**

Il-proposta taħseb għas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Id-definizzjonijiet tal-kundizzjonijiet essenzjali tad-Direttiva huma mwessa' u miġbura fi gruppi sabiex ma jkunx hemm iktar interpretazzjonijiet diverġenti. Dispożizzjonijiet ambigwi rigward id-drittijiet tal-kredituri jew jitħassru jew jiġu abbozzati mill-ġdid biex l-operaturi ekonomiċi jkunu jafu sewwa d-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva. Element ieħor ta' simplifikazzjoni huwa l-obbligu ġenerali ta' trasparenza mdaħħal għall-Istati Membri. Fl-aħħar nett, il-kunċett fl-arja ta' "spejjeż ta' rkupru" jinbidel b'sistema ġdida li tikkonsisti f'somma definita għal spejjeż interni ta' rkupru.

Il-proposta hi inkluża fil-programm b'reviżjoni regolari tal-Kummissjoni għall-aġġornament u s-simplifikazzjoni tal-acquis communautaire u l-Programm tagħha ta' Ħidma u Leġiżlazzjoni li jaqa' taħt ir-referenza 2009/ENTR/006.

- **Revoka ta' leġiżlazzjoni eżistenti**

L-adozzjoni tal-proposta twassal għar-revoka tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Klawżola ta’ valutazzjoni/reviżjoni/terminazzjoni awtomatika**

Il-proposta tinkludi klawżola ta' reviżjoni.

- **Tfassil mill-ġdid**

Il-proposta tinvolvi tfassil mill-ġdid

- **Tabella ta' korrelazzjoni**

Jinħtieġ li l-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

- **Żona Ekonomika Ewropea**

L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għalhekk għandu jiġi estiż għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

- **Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta**

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/35/KE dwar l-ambitu (l-Artikolu 1 ta' din il-proposta) tal-imgħax f'każ ta' ħlas tard (Artikolu 3), iż-żamma tad-dritt (Artikolu 8) u l-proċedura ta' rkupru għal dejn mhux ikkontestat (Artikolu 9) jibqgħu fondamentalment kif kienu. Il-bosta definizzjonijiet u kunċetti huma simplifikati u miġbura flimkien fl-Artikolu 2.

Ir-raġunijiet għall-emendi sostanzjali l-oħra proposti huma dawn li ġejjin:

L-Artikolu 1(2) ineħħi l-possibbiltà li talbiet għal imgħax ta' inqas minn EUR 5 jistgħu jitwarrbu mill-Istati Membri. Dan ineħħi x-xkiel għal talba ta' mgħax għal ħlasijiet tard, b'mod partikolari għall-SMEs u għal ħlasijiet tard fi tranżazzjonijiet fejn l-imgħax jitla' biss għal ammont żgħir.

L-Artikolu 4 jispeċifika li, fil-każ ta' ħlas tard, il-krediturijkunu intitolati li jiksbu somma għall-ispejjeż interni ta' rkupru marbuta mal-ammont imħallas tard. L-għan huwa wieħed doppju: l-ewwel nett, il-kreditur ikun jista' jirkupra l-ispejjeż amministrattivi interni tiegħu marbuta mal-ħlas tard u, it-tieni, dan ikollu effett ta' deterrent fuq id-debituri, barra mill-imgħax statutorju.

L-Artikolu 5 tal-proposta jittratta l-ħlas tard mill-awtoritajiet pubbliċi li se jkunu marbuta bħala regola ġenerali li jħallsu l-fatturi għat-tranżazzjonijiet kummerċjali li jwasslu għall-kunsinna ta' prodotti jew l-provvista ta' servizzi fi żmien 30 jum. Malli jgħaddi dan il-perjodu, il-kreditur ikun fil-prinċipju intitolat għal kumpens ta' 5 % tal-ammont speċifikat, apparti l-interessi għad-dewmien fil-ħlas u kumpens għall-ispejjeż ta' rkupru. L-impatt baġitarju għall-awtoritajiet nazzjonali jkun proporzjonali għall-ħila tagħhom li jiżguraw konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Barra minn hekk, it-titjib mistenni fl-imġiba ta' ħlas tal-awtoritajiet pubbliċi jgħin inaqqas l-għadd ta' fallimenti ta' intrapriżi u b'hekk inaqqas l-ispejjeż soċjali li dawn jimplikaw.

L-Artikolu 6 tal-proposta jsaħħaħ id-dispożizzjonijiet dwar klawżoli kuntrattwali li huma inġusti ħafna. Jinkludi wkoll dispożizzjoni fejn klawżola li teskludi interessi għal dewmien fil-ħlas se tkun ukoll ikkunsidrata bħala inġusta ħafna.

L-Artikolu 7 jorbot lill-Istati Membri jiżguraw trasparenza sħiħa dwar id-drittijiet u l-obbligi li ġejjin minn din id-Direttiva u b'mod partikolari biex jippubblikaw ir-rata ta' mgħax statutorja. Dan għandu l-għan li jipprovdi bl-iktar mod xieraq tagħrif prattiku għall-intrapriżi, u speċjalment l-SMEs, u jippermettilhom jaġixxu kontra debituri li jħallsu tard.

L-Artiklu 10 jippreskrivi s-sistema ta' sorveljanza u evalwazzjoni li permezz tagħha l-istituzzjonijiet Ewropej u partijiet interessati oħra jista' jkollhom stampa ċara tal-implimentazzjoni attwali tad-Direttiva.

2009/0054 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi tranżazzjonijiet kummerċjali**

**(Tfassil mill-ġdid)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

---

↓ 2000/35/KE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[2],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[3],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[4],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat,

Billi:

---

⇩ġdid

(1) Għadd ta' bidliet sostanzjali jridu jsiru fid-Direttiva 2000/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fir-tranżazzjonijiet kummerċjali[5]. Fl-interess taċ-ċarezza, din id-Direttiva għandha titfassal mill-ġdid.

(2) Il-biċċa l-kbira tal-prodotti u s-servizzi jiġu fornuti fi ħdan is-suq intern minn operaturi ekonomiċi lil operaturi ekonomiċi oħra u lill-awtoritajiet pubbliċi fuq bażi ta' ħlas iddifferit b'mod li l-fornitur jagħti lill-klijent tiegħu ċans li jħallas il-fattura, kif miftiehem bejn il-partijiet, jew stabbilit fil-fattura tal-fornitur jew kif stipulat fil-liġi.

---

2 ĠU C […], […], p. […].
3 ĠU C […], […], p. […].
4 ĠU C […], […], p. […].
5 ĠU L 200, 8.8.2000, p. 35.

(3) Ħafna mill-ħlasijiet fi tranżazzjonijiet kummerċjali bejn operaturi ekonomiċi jew bejn operaturi ekonomiċi u awtoritajiet pubbliċi jsiru aktar tard milli miftiehem fil-kuntratt jew stipulat fil-kundizzjonijiet ġenerali kummerċjali. Għalkemm il-prodotti jiġu fornuti jew is-servizzi jseħħu, ħafna mill-fatturi marbuta ma' dan jitħallsu ħafna wara l-iskadenza. Dan il-ħlas tard jħalli effett negattiv fuq l-assi likwidi u jikkomplika l-ġestjoni finanzjarja tal-intrapriżi. Iħalli effett ukoll fuq il-kompetittività u l-kapaċità ta' profitt tagħhom meta l-kreditur ikollu ħtieġa jikseb finanzjament estern minħabba ħlas tard. Dan ir-riskju jiżdied ħafna f'perjodi ta' kriżi ekonomika meta l-aċċess għall-finanzi huwa aktar diffiċli.

(4) Diġà jistgħu jsiru talbiet ġudizzjarji marbuta ma' ħlasijiet tard permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar il-ġurisdizzjoni u l-għarfien u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali[6], ir-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni ta' Infurzar Ewropew għal talbiet mhux ikkontestati[7], ir-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq ordni Ewropew għall-proċedura ta' ħlas[8] u r-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea dwar it-Talbiet Żgħar[9]. Iżda, biex jiġi skuraġġut il-ħlas tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, jeħtieġ li jiġu stipulati dispożizzjonijiet komplementari.

---

| ↓ 2000/35/KE (adattat) | Premessa (1) |
|---|---|

~~(1) Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar programm integrat favur l-SMEs u s-settur tas-snajja[10],, il-Parlament Ewropew sforza lill-Kummissjoni biex tibgħat proposti li jittrattaw mal-problema ta' ħlas tard.~~

---

| ↓ 2000/35/KE (adattat) | Premessa (2) |
|---|---|

~~(2) Fit-12 ta' Mejju 1995 il-Kummissjoni adottat rakkomandazzjoni dwar il-perjodi ta' ħlas fi transazzjonijiet kummerċjali[11].~~

---

| ↓ 2000/35/KE (adattat) | Premessa (3) |
|---|---|

~~(3) Fir-riżoluzzjoni tiegħu fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar perjodi ta' ħlas fi transazzjonijiet kummerċjali[12], il-Parlament Ewropew sejjaħ lill-Kummissjoni biex~~

---

6 ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1.
7 ĠU L 143, 30.4.2004, p. 15.
8 ĠU L 399, 30.12.2006, p 1.
9 ĠU L 199, 31.7.2007, p. 1.
10 ~~ĠU C323, 21.11.1994, p. 19.~~
11 ~~ĠU L127, 10.6.1995, p. 19.~~

~~tikkunsidra li tibdel ir-rakkomandazzjoni tagħha fi proposta għal direttiva tal-Kunsill li għandha tintbagħat kemm jista' jkun malajr.~~

---

↓ 2000/35/KE Premessa (4) (adattat)

~~(4) Fid-29 ta' Mejju 1997 il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali adotta opinjoni dwar il-Karta l-Ħadra tal-Kummissjoni dwar Akkwist Pubbliku fl-Unjoni Ewropea: Nesploraw it-triq għal quddiem[12].~~

---

↓ 2000/35/KE Premessa (5) (adattat)

~~(5) Fl-4 ta' Ġunju 1997 il-Kummissjoni ppubblikat pjan ta' azzjoni għal suq wieħed, li jenfasizza li ħlas tard jirrappreżenta ostakolu serju li dejjem qiegħed jikber għas-suċċess tas-suq wieħed.~~

---

↓ 2000/35/KE Premessa (6) (adattat)

~~(6) Fis-17 Ta' Lulju 1997 il-Kummissjoni ppubblikat rapport dwar il-ħlasijiet tard fi transazzjonijiet kummerċjali[14],li jiġbor fil-qosor ir-riżultat ta' evalwazzjoni ta' l-effetti tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 1995.~~

---

↓ 2000/35/KE Premessa (7)

~~(7) Piżijiet tqal amministrattivi u finanzjarji huma mqiegħda fuq in-negozji, b'mod partikolari dawk żgħar u ta' daqs medju, bħala riżultat tal-perjodi eċċessivi ta' ħlas u ħlasijiet tard. Barra dan, dawn il-problemi huma l-kawża prinċipali għall-fallimenti li jheddu l-ħajja tan-negozji u jirriżultaw f'telf numeruż ta' impjiegi.~~

---

↓ 2000/35/KE Premessa (8) (adattat)

~~(8) F'xi Stati Membri perjodi kuntrattwali ta' ħlas ivarjaw b'mod sinifikanti mill-medja tal-Kummissjoni.~~

---

12 ~~ĠU C211, 22.7.1996, p. 43.~~

13 ~~ĠU C287, 22.9.1997, p. 92~~.

14 ~~ĠU C216, 17.7.1997, p. 10.~~

| ↓ 2000/35/KE | Premessa (9) (adattat) |
|---|---|

~~(9) Id-differenzi bejn ir-regoli u l-prattiċi tal-ħlas fl-Istati Membri jikkostitwixxu ostaklu għall-iffunzjonar xieraq tas-suq intern.~~

| ↓ 2000/35/KE | Premessa (10) (mibdul) |
|---|---|

(5) ~~Dawn għandhom l-effett li jillimitaw konsiderevolment transazzjonijiet kummerċjali bejn l-Istati Membri. Din hija f'kontradizzjoni mal-Artikolu 14 tat-Trattat billi~~ L-intraprendituri għandhom ikunu jistgħu jinnegozjaw mas-suq intern kollu taħt kundizzjonijiet li jiżguraw li operazzjonijiet trans-konfinali ma jinvolvux riskji akbar mill-bejgħ domestiku. Jirriżulta tagħwiġ ta' kompetizzjoni jekk japplikaw regoli sostanzjalment differenti għall-operazzjonijiet domestiċi u dawk trans-konfinali.

| ↓ 2000/35/KE | Premessa (11) (adattat) |
|---|---|

~~(11) L-aktar statistika reċenti tindika li ma kien hemm ebda titjib fil-ħlasijiet tard f'ħafna Stati Membri mill-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni tat-12 ta' Mejju 1995.~~

| ⇩ġdid |
|---|

(6) Fil-komunikazzjoni tagħha "Aħseb l-ewwel fiż-żgħir" - "Att dwar in-Negozju ż-Żgħir" għall-Ewropa[15], il-Kummissjoni enfasizzat li l-aċċess tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) għandu jiġi ffaċilitat u jiġi żviluppat ambjent legali u kummerċjali ta' appoġġ għal ħlasijiet fil-ħin fit-tranżazzjonijiet kummerċjali.

(7) Waħda mill-azzjonijiet ta' prijorità ta' "Il-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku"[16] huwa t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u l-promozzjoni tal-ispirtu tal-intrapriża billi, fost l-oħrajn, jiġu żgurat li l-awtoritajiet pubbliċi jħallsu l-fatturi, inklużi lill-SMEs, għal provvisti u servizzi fi żmien xahar biex jonqsu l-limitazzjonijiet tal-likwidità.

| ↓2000/35/KE | Premessa (12) |
|---|---|

(8) L-għan tal-ġlieda kontra ħlasijiet tard fis-suq intern ma jistax jintlaħaq suffiċjentement bl-Istati Membri jaġixxu individwalment u jista' għalhekk jintlaħaq aħjar mill-Komunità. Din id-Direttiva ma tmurx lilhinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb

[15] COM(2008) 394.
[16] COM(2008) 800.

dan l-għan. Din id-Direttiva hija għalhekk konformi, fis-sħiħ kollu tagħha, mar-rekwiżiti tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-Trattat.

---

| ↓ 2000/35/KE (adattat) | Premessa (13) |
|---|---|

(9) Din id-Direttiva għandha tkun limitata għall-ħlasijiet magħmula bħala remunerazzjoni għal tranżazzjonijiet kummerċjali u ~~ma tirregolax~~ ⌦ ma għandhiex ⌫ tirregola tranżazzjonijiet mal-konsumaturi, imgħax b'konnessjoni ma' ħlasijiet oħra, eż. ħlasijiet taħt il-liġijiet dwar ċekkijiet u kambjali, ħlasijiet magħmula bħala kumpens għall-ħsarat inklużi ħlasijiet minn kumpaniji ta' assigurazzjoni.

---

| ↓2000/35/KE Premessa (22) |
|---|

(10) Din id-Direttiva għandha tirregola t-tranżazzjonijiet kummerċjali kollha irrispettivament jekk jitwettqux bejn intrapriżi privati jew pubbliċi jew bejn intrapriżi privati u awtoritajiet pubbliċi, waqt li jitqies il-fatt li dawn tal-aħħar ikollhom volum konsiderevoli ta' ħlasijiet lill-intrapriżi. Għandha għalhekk tirregola wkoll it-tranżazzjonijiet kummerċjali kollha bejn il-kuntratturi ewlenin u l-fornituri u s-sottokuntratturi tagħhom.

---

| ↓2000/35/KE Premessa (14) |
|---|

(11) Il-fatt li l-professjonijiet liberali huma koperti b'din id-Direttiva ma jfissirx li l-Istati Membri għandhom jittrattawhom bħala intrapriżi jew negozjanti għall-għanijiet mhux koperti b'din id-Direttiva.

---

| ↓2000/35/KE (adattata) ⇨ ġdid | Premessa (16) |
|---|---|

(12) Ħlas tard jikkostitwixxi ksur ta' kuntratt li sar finanzjarjament attraenti għad-debituri fil-parti l-kbira tal-Istati Membri minħabba rati baxxi ta' mgħax ⇨ jew imgħax ta' xejn ⇦ ⌦ mitlub ⌫ fuq ħlasijiet tard u/jew proċeduri bil-mod ta' rimedju. Jeħtieġ tibdil deċiżiv, inkluż ⇨ li l-esklużjoni tad-dritt li jintalab imgħax tkun klawżola kuntrattwali inġusta u jiġi stipulat ⇦ kumpens ta' krediturі għall-ispejjeż imġarrba, biex titreġġa' lura din ix-xejra u jiġi żgurat li l-konsegwenzi ta' ħlasijiet tard ikunu b'mod li jiskoraġġixxu l-ħlas tard.

⇩ġdid

(13) Fl-interess tal-konsistenza tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità, id-definizzjoni ta' "awtoritajiet kuntrattwali" fid-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi, kuntratti ta' provvista pubblika u kuntratti ta' servizzi pubbliċi[17] għandha tapplika għall-għanijiet ta' din id-Direttiva.

(14) L-imgħax statutorju dovut għal ħlasijiet tard għandu jitkejjel fuq bażi ta' kull jum bħala mgħax sempliċi, skont ir-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 1971 li jiddetermina r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u limiti ta' żmien[18].

---

⇓ 2000/35/KE Premessa (17) (adattat)
⇨ġdid

(15) ⇨ Jeħtieġ kumpens xieraq tal-krediturigħall-ispejjeż ta' rkupru mġarrba minħabba ħlas tard biex jiġi żgurat li l-konsegwenzi ta' ħlasijiet tard ikunu b'mod li jiskoraġġixxu l-ħlas tard. L-ispejjeż ta' rkupru għandhom ukoll jinkludu l-irkupru ta' spejjeż amministrattivi u kumpens għal spejjeż interni mġarrba minħabba ħlas tard li għalih din id-Direttiva għandha tiddetermina l-possibbiltà ta' ammont minimu ta' bażi li jista' jingħadd mal-imgħax għall-ħlas tard ⇦ . ~~Il-~~Kumpens ~~raġonevoli~~ biex jiġu rkuprati l-ispejjeż ~~irid ikun~~ ⌦ għandu ⌫ jkun ikkunsidrat bla ħsara għad-dispożizzjonijiet nazzjonali li bis-saħħa tagħhom imħallef nazzjonali ⌦ jista' ⌫ jagħti lill-kreditur kull kumpens ta' ħsara addizzjonali ~~kkawżata mill-~~⌦ rigward ⌫ ħlas tard tad-debitur~~, waqt li jingħata konsiderazzjoni wkoll li n-nefqa magħmula tista' tkun diġà ġiet ikkumpensata bl-imgħax għall-ħlas tard.~~

---

⇩ ġdid

(16) L-istħarriġ juri li l-awtoritajiet pubbliċi ta' spiss jeħtieġu perjodi ta' ħlas kuntrattwali għal tranżazzjonijiet kummerċjali li huma bil-wisq itwal minn 30 jum. Għalhekk, il-perjodi ta' ħlas għall-kuntratti ta' xiri mogħtija mill-awtoritajiet pubbliċi għandhom, bħala regola ġenerali, ikunu limitati għal massimu ta' 30 jum.

(17) Il-ħlas tard huwa partikolarment ta' dispjaċir jekk iseħħ minkejja l-likwidità tad-debitur. Diversi stħarriġ juru li l-awtoritajiet pubbliċi spiss iħallsu fatturi tard ħafna wara l-iskadenza tal-perjodu ta' ħlas applikabbli. L-awtoritajiet pubbliċi aktarx jaffaċċjaw ħafna anqas restrizzjonijiet finanzjarji billi aktarx jibbenefikaw minn flussi ta' dħul aktar żgur, prevedibbli u kontinwi minn dak tal-intrapriżi. Fl-istess waqt, huma jiddependu inqas mill-intrapriżi privati fuq il-bini ta' relazzjonijiet kummerċjali stabbli biex jiksbu l-miri tagħhom. Għaldaqstant, l-awtoritajiet pubbliċi aktarx ikollhom inqas

---

[17] ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114.
[18] ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1.

inċentiva li jħallsu fil-ħin. Barra minn hekk, ħafna awtoritajiet pubbliċi jistgħu jiksbu finanzjament b'kundizzjonijiet aktar attraenti mill-intrapriżi privati. Għalhekk, il-ħlas tard mill-awtoritajiet pubbliċi mhux biss iġib spejjeż mhux ġustifikati għall-intrapriżi privati, iżda l-ineffiċjenza inġenerali. Huwa għalhekk xieraq li jiġi introdott kumpens dissważiv ogħla li jikkorrispondi f'każ ta' ħlas tard mill-awtoritajiet pubbliċi.

---

↓ 2000/35/KE Premessa (18)

~~18) Din id-Direttiva tqies il-kwistjoni ta' perjodi kuntrattwali twal ta' ħlas u, b'mod partikolari, l-eżistenza ta' ċerti kategoriji ta' kuntratti fejn perjodu ta' ħlas itwal flimkien ma' restrizzjoni ta' libertà ta' kuntratt jew rata ta' mgħax ogħla tista' tiġi ġġustifikata.~~

---

↓ 2000/35/KE Premessa (19) (adattat)
⇨ġdid

(18) Din id-Direttiva għandha tipprojbixxi l-abbuż tal-libertà tal-kuntratti għall-iżvantaġġ tal-kreditur. Fejn l-akbar għan ta' ftehim ikun li jġib likwidità addizzjonali lid-debitur minn fuq dahar il-kreditur ⇨, pereżempju permezz tal-esklużjoni tal-possibbiltà għall-kreditur li jżomm l-imgħax għal ħlas tard jew li tispeċifika rata ta' mgħax għal ħlas tard li tkun sostanzjalment iktar baxxa mill-imgħax statutorju stipulat f'din id-Direttiva⇦, jew fejn il-kuntrattur ewlieni jimponi fuq il-fornituri u s-sottokuntratturi kundizzjonijiet ta' ħlas li mhumiex ġustifikati mill-kundizzjonijiet mogħtija lilu stess, dawn jistgħu jitqiesu bħala fatturi li jikkostitwixxu abbuż ta' dan it-tip. Din id-Direttiva ~~ma taffettwax~~ ⌦ ma għandhiex ⌫ taffettwa d-dispożizzjonijiet nazzjonali marbuta mal-mod kif il-kuntratti jiġu konklużi jew li jirregolaw il-validità ta' kundizzjonijiet kuntrattwali li m'humiex ġusti għad-debitur.

---

↓2000/35/KE Premessa (21)

(19) Huwa mixtieq li jiġi żgurat li l-krediturijkunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw ir-ritenzjoni tat-titolu fuq bażi mhux diskriminatorja mal-Komunità kollha, jekk il-klawżola tar-ritenzjoni tat-titolu hija valida skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli speċifikati mil-liġi privata internazzjonali.

---

↓2000/35/KE Premessa (15)

(20) Din id-Direttiva tiddefinixxi biss l-espressjoni "titolu ta' infurzar" iżda ma tirregolax il-proċeduri varji ta' twettiq furzat ta' dan id-dritt u l-kundizzjonijiet li bihom it-twettiq furzat ta' dan id-dritt jista' jiġi mwaqqaf jew sospiż.

↓2000/35/KE Premessa (20)

(21) Il-konsegwenzi ta' ħlas tard jistgħu jkunu disważivi biss jekk ikunu akkumpanjati minn proċeduri għal rimedji li huma rapidi u effettivi għall-kreditur. B'konformità mal-prinċipju ta' ebda diskriminazzjoni li jinsab fl-Artikolu 12 tat-Trattat, dawk il-proċeduri għandhom ikunu disponibbli għall-krediturі kollha li huma stabbiliti fil-Komunità.

↓ 2000/35/KE Premessa (23) (adattat)
⇨ġdid

(22) ⇨Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-proċeduri ta' rkupru għal talbiet mhux ikkontestati marbuta ma' ħlas tard fi tranżazzjonijiet kummerċjali⇦ ~~L-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva jeħtieġ li l-proċedura biex jiġu rkuprati talbiet mhux kontestati~~ jiġu mitmuma f'perjodu qasir ta' żmien ~~b'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali, iżda ma jeħtieġx li l-Istati Membri jadottaw xi proċedura speċifika jew li jemendaw il-proċeduri eżistenti legali tagħhom b'mod speċifiku~~

⇩ġdid

